MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 416/2007

**ID-DIRETTUR, QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI**

vs

Joseph **BRINCAT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' April, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib lill-imħarrek ħati ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha għall-finijiet tat-Titolu XVIII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) tikkundannah għall-pwieni preskritti mill-istess Titolu. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek fit-8 ta' Mejju, 2007, li biha laqa' għall-azzjoni tal-attur billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni, u, fil-mertu, billi qal li hu ma jaħti għall-ebda disprezz billi qatt ma kellu l-fehma li jonqos mir-rispett lejn il-Qorti jew li jfixkel lill-uffiċjal eżekutiv milli jeżegwixxi l-Mandat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

Rat l-atti tal-kawża u tal-Mandat li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Mejju, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal disprezz. L-attur, wara li ngħata degriet minn din il-Qorti (diversament presjeduta) f'Ottubru tal-2004 fl-Atti ta' Mandat ta' Qbid (kawtelatorju), ressaq din l-azzjoni biex il-Qorti ssib li l-imħarrek wettaq għamil ta' disprezz meta żamm lill-Marixxal milli jeleva oġġetti minn ġo ħanut immexxi mill-istess intimat skond kif ordnat fid-degriet li ordna l-ħruġ tal-imsemmi Mandat;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' qabel kull ħaġa oħra billi qal li l-azzjoni attriċi waqgħet billi laħaq għadda ż-żmien li fiha setgħet issir. Huwa jgħid li d-degriet tal-Qorti li fih l-attur intalab jibda l-proċeduri ngħata fl-20 ta' Ottubru, 2004[1], u din il-kawża nfetħet f'April tal-2007, u għalhekk laħaq għadda ż-żmien li fih setgħet tinfetaħ. Huwa jgħid li, ladarba l-azzjoni għal disprezz hija waħda ta' natura penali, tgħodd il-preskrizzjoni penali, jiġifieri, f'dan il-każ, l-artikoli 688(e) u 688(f) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 70 u 990 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

[1] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar is-siwi tal-eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-imħarrek;

Illi mill-fatti rilevanti li jolqtu l-każ joħroġ li fil-15 ta' Ottubru, 2004, nħareġ Mandat ta' Qbid kawtelatorju[2] kontra l-imħarrek fuq talba ta' martu f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedhom minuri[3]. L-kreditu pretiż kien għas-somma ta' sittin elf lira Maltija bħala sehem il-kreditriċi mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u l-intimat. L-eżekuzzjoni ntalbet fuq "l-i*stock*, *cash register*, għamara u attrezzaturi fil-ħanut "*Angel's Petshop*", fi Triq id-Duluri, Pieta', liema ħanut, *stock* eċċ jappartienu lill-konjuġi Brincat". Fid-19 ta' Ottubru, 2004, il-Marixxall Carmel Xuereb mar f'ħanut bl-isem ta' "*Angel's Pet Shop*", fi Triq id-Duluri, Pieta', biex minnu jeleva xi oġġetti msemmija fil-Mandat. L-intimat talab li jitħalla jċempel lill-avukat tiegħu. Il-Marixxall qal li l-intimat ma kienx se' jħallih jeleva l-oġġetti b'esekuzzjoni tal-mandat fuq il-parir li qal li kien tah l-avukat tiegħu waqt it-telefonata. Mal-Marixxall kien hemm żewġ persuni oħrajn, fosthom mart l-intimat li talbet il-ħruġ tal-Mandat. Il-Marixxall ressaq rapport lill-Qorti,[4] dak inhar stess, biex jgħid li ma tħalliex jeżegwixxi l-Mandat. Dak inhar ukoll, mart l-imħarrek ressqet rikors ieħor biex titlob li l-eżekuzzjoni ssir bi sgass u bl-intervent tal-Pulizija jekk meħtieġ. Fl-20 ta' Ottubru, 2004, il-Qorti laqgħet it-talba tal-eżekutanti u (donnu b'degriet separat) ordnat, fost l-oħrajn, lir-Reġistratur tal-Qorti biex jibda proċeduri għal disprezz kontra l-imħarrek. Ir-Reġistratur fetaħ din il-kawża f'April tal-2007;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali dwar l-eċċezzjoni taħt eżami jridu jintrabtu tabilfors mal-għamla tal-azzjoni li din il-Qorti għandha quddiemha. Din hija azzjoni dwar disprezz minħabba tfixkil fl-eżekuzzjoni ta' Mandat maħruġ mill-Qorti. Bħal kull azzjoni oħra ordinarja, hemm żmien sa meta tista' titressaq;

[2] Nru. 1856/04CX
[3] Dok "FC", f'paġ. 5 tal-proċess
[4] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess

Illi l-proċedura għal disprezz għandha natura partikolari, u jidher għalhekk li ż-żmien preskrittiv għaliha m'huwiex dak maħsub fl-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Il-proċedura għad-disprezz hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li tagħti ordnijiet lil xiħadd, kemm jekk biex dik il-persuna tagħmel xiħaġa, jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xiħaġa. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz għall-awtorita' li, bis-saħħa tagħha, dik l-ordni tkun ingħatat. Kif jgħallem Denning: *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt*"[5];

Illi, minbarra dan, xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li min qiegħed jagħmel dik ix-xilja ikun irid ukoll jipprova l-fehma (intenzjoni) tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u, b'konsegwenza ta' hekk, l-awtorita' tagħha;

Illi, madankollu, dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi[6];

Illi, meħud f'dan id-dawl, il-proċediment tad-disprezz m'huwiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-teħid tiegħu, imma sanzjoni kontra min ikun ġab b'idejh u b'għemilu (jew bl-omissjoni tiegħu, skond il-każ) ksur ta' ordni mogħtija lilu. L-attur f'din il-kawża (u bil-proċedura illi tfasslet għal dan il-għan fl-1995) qiegħed huwa nnifsu jesegwixxi ordni mogħtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proċeduri. L-attur m'għandu x'jirbaħ xejn b'tali proċeduri għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[7];

---

[5] ***In Re Bramblevale Limited*** (1970)

[6] Ara App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella*** (mhix pubblikata) u s-sentenzi hemm imsemmija

[7] P.A. **9.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.546**)

Illi fil-każ ta' allegat ksur ta' ordni mogħti fil-ħruġ ta' Mandat kull imġiba bħal dik tagħti lok ukoll għat-tmexxija 'l quddiem ta' proċeduri kif maħsuba fit-Titolu XVII tal-Kap 12;

Illi, kif ingħad aktar qabel, m'hemmx dubju li l-proċediment ta' disprezz huwa wieħed ta' natura penali[8], ukoll jekk jieħdu s-sura ta' proċeduri ċivili[9];

Illi dan iġib miegħu illi kull ma tgħid il-liġi dwar dan l-istitut għandu jinftiehem skond il-kelma tal-liġi u l-ispirtu li jħares il-jeddijiet tal-"akkużat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[10]. Għalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti jitwessa' b'analoġija, tixbieh jew teħid minn min ikun ta' inizzjativa li ma hix mogħtija lilu mil-liġi. Kien minħabba f'hekk li l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995 stabilew min għandu jedd jibda tali proċeduri u f'liema ċirkostanza, wara żmien twil fejn kien dibattut f'għadd ta' sentenzi l-problema tal-aġent leġittimu ta' proċeduri bħal dawn[11];

Illi l-imħarrek isejjes l-eċċezzjoni tiegħu fuq it-tħaddim ta' dispożizzjonijiet fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili marbutin ma' oħrajn li jinsabu fil-Kodiċi Kriminali. Jibda biex jgħid li l-għamil li jinsab mixli bih u li dwaru ngħata d-degriet lill-attur biex iressaq din il-kawża jaqa' taħt il-kategorija ta' atti li jikkostitwixxu oppożizzjoni lill-uffiċjali esekuttivi tal-Qrati fil-qadi ta' dmirijiethom skond l-artikolu 70 tal-Kapitolu 12. Dan l-artikolu jgħid li min, fost l-oħrajn, xjentement ifixkel l-eżekuzzjoni ta' xi mandat jew ordni li ssir minn uffiċjal esekutur tal-qorti, ikun ħati ta' disprezz tal-qorti u jista' jeħel, meta jinstab ħati, l-pwieni msemmija fl-artikolu 990;

Illi l-artikolu 990 tal-Kapitolu 12 jistabilixxi l-pwieni li jistgħu jingħataw u li jikkonsistu (a) fiċ-ċanfira, (b) fit-tkeċċija mill-

---

[8] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)

[9] App. Ċiv. **27.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***George Demanuele vs Philip Azzopardi et*** (mhix pubblikata) u Maġ. Ċiv. (Għ) AE **12.6.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Reġistratur tal-Qrati u Tribunali ta' Għawdex vs John Vella pro et noe***

[10] App. Ċiv. **8.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)

[11] Ara, per eżempju, P.A. **8.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Cutajar et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.705**)

bini tal-qorti, (ċ) fl-arrest għal żmien ta’ mhux aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa f’imkien ġewwa l-bini tal-qorti stess u (d) bl-ammenda[12] jew bil-multa[13] msemmija fil-Kodiċi Kriminali;

Illi l-imħarrek jgħid li, ladarba l-agħar piena maħsuba għal għamil bħal dak li nxela bih hu hija l-multa jew l-arrest għal żmien qasir, fil-każ tiegħu l-azzjoni taqa’ bl-għeluq taż-żmien ta’ sentejn kif maħsub fl-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali, jekk mhux saħansitra fiż-żmien ta’ tliet xhur kif maħsub fl-artikolu 688(f) tal-istess Kodiċi;

Illi, min-naħa tiegħu, l-għaref difensur tal-attur waqt it-trattazzjoni tiegħu saħaq li ż-żmien huwa ta’ għaxar snin kif stabilit fl-artikolu 258(a) tal-kapitolu 12 marbut mal-artikolu 253(a) tal-istess Kodiċi;

Illi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-attur. Għalkemm huwa minnu li l-liġi tqis is-sentenzi u d-degrieti bħala titoli esekuttivi, ma jistax jingħad li d-degriet li bih tordna lill-attur biex jibda proċeduri għal disprezz jmissu jitqies bħala titolu esekuttiv.  Li kieku dan kien il-każ, ma jkun jagħmel l-ebda sens li l-attur jiftaħ kawża biex jikseb titolu esekuttiv li jkun diġa’ jeżisti.  Mhux hekk biss, imma minn kliem l-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 innifsu joħroġ ċar li degriet bħal dak ikun biss awtoriżżazzjoni u direttiva biex ir-Reġistratur “**jibda**, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa...”.  Huwa fatt magħruf li l-proċedura maħsuba skond l-istess artikolu hija (llum il-ġurnata) fis-sura tar-Rikors Maħluf, li huwa l-att ġudizzjarju per eċċellenza li bih **tinbeda** l-istanza ewlenija tal-kontestazzjoni proċedurali ordinarja, li, eventwalment, twassal għall-kisba ta’ titolu eżekuttiv.  Il-Qorti ma taf bl-ebda degriet esekuttiv li mhux eżegwibbli minnu nnifsu u li biex ikollu effikaċja jrid li tinbeda proċedura ġdida biex tattwah.  Ladarba, għalhekk, l-imsemmi degriet ma jistax jitqies bħala provvediment eżekuttiv, jiġi li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 ma jgħoddux għalih;

[12] Ara l-art. 13 tal-Kap 9
[13] Ara l-art. 11 tal-Kap 9

Illi fil-każ ta' għamil li jitqies bħala wieħed ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda jgħaddi minn dak inhar tal-att. Huwa minnu li biex titressaq kawża bħal din tal-lum jeħtieġ li jingħata degriet f'dak is-sens mill-Qorti, imma degriet bħal dak ikun dejjem jirreferi għall-fatt li jitqies bħala għamil ta' disprezz. Il-kawża li ssir dejjem issir b'riferenza għall-għamil u mhux għad-degriet li jidderieġi lir-Reġistratur biex jiftaħ il-proċedura għad-disprezz;

Illi fin-nuqqas ta' dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-Qorti tasal biex taqbel mal-imħarrek u tgħid li l-azzjoni dwar għamil ta' disprezz lejn l-awtorita tal-qorti jgħodd għaliha ż-żmien preskrittiv ta' sentejn minn dak inhar li jkun sar l-għamil;

Illi fil-każ tal-lum, l-eżekuzzjoni tal-Mandat kienet se' ssir fid-19 ta' Ottubru, 2004. Dak inhar inqala' l-inċident u l-Marixxall Xuereb ressaq ir-rapport tiegħu l-għada. Dak inhar, il-Qorti tat id-degriet li bih ordnat lill-attur jibda l-proċedura tal-lum. Il-kawża tressqet fit-13 ta' April, 2007, u l-imħarrek laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża fil-25 ta' April, 2007[14]. Dan ifisser li l-kawża ma tressqitx fiż-żmien xieraq ta' sentejn minn meta setgħet titressaq. Ma jidhirx li kontra l-imħarrek kien tressaq xi att ġudizzjarju li kiser jew waqqaf dak iż-żmien;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni tal-imħarrek hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimat Joseph Brincat u ssib li l-kawża mibdija kontrih waqgħet bil-preskrizzjoni, **bl-ispejjeż** kontra l-attur.

**Moqrija**

[14] Ara r-riferta f'paġ. 8 *tergo* tal-proċess

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------